MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1068/2001/1

**Citaz Nru: 1068/01 JA.**

**P & S Limited.**

**-vs-**

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar nhatru bhala Kuraturi Deputati nominati b' digriet tat-3 ta' Lulju, 2001 biex jirrapprezentaw sidien mhux maghrufa.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha ppremettiet:

Illi fl-1 ta’ Settembru, 2000 permezz ta’ kuntratt konservat f’ l-atti tan-Nutar Anthony Abela is-socjeta’ attrici akkwistat tlieta minn hamsa (3/5) parti indiviza ta’ l-ghalqa, fil-limiti ta’ Hal-Qormi in kontrada tal-Handaq u hekk ukoll maghrufa, ta’ kejl l-ghalqa f’ l-intier taghha ta’ 11033 metri kwadri u konfinanti mit-tramuntana, l-majjistral u min-nofs in-nhar ma’ toroq tar-raba’ bla isem li jisbokkaw kollha fi Triq tal-Handaq minn fejn l-art ghandha faccata u l-access, u mill-lvant ma’ beni tas-socjeta’ attrici jew aventi kawza taghha, liema art hija soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta’ Lm0.32 (Dok A).

Illi b’ socjeta’ attrici ma tridx tibqa in komunjoni mas-sidien l-ohra mhux maghrufa.

Ghalhekk titlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tordna d-divizjoni ta’ l-ghalqa t’ Hal-Qormi kontrada tal-Handaq u hekk maghrufa ta’ kejl ta’ cirka 11033 metri kwadri fuq deskritta f’ zewg prozjonijiet wahda ekwivalenti ghall tlieta minn hamsa (3/5) li tigi assenjata lis-socjeta’ attrici u l-ohra ekwivalenti ghal tnejn minn hamsa (2/5) li tigi assenjata lill-konvenuti.

2. Tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att.

3. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att relattiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti mil-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Paul Vella fl-14 ta’ Gunju, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar ipprezentata fit-3 t’ Ottubru, 2001 li permezz taghha eccepixxew:

1. Illi b’ digriet tat-3 ta’ Lulju, 2001 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-sidien mhux maghrufa ta’ zewg partijiet indivizi minn hamsa ta’ ghalqa f’ Hal Qormi fil-kontrada Tal-Handaq imdawra b’ toroq tar-raba’ li kollha jisbokkaw fi Triq Tal-Handaq, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta’ 32 centezmu.

2. Illi huma m’ ghandhomx hjiel ta’ min jista’ jkun interessat dwar il-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi.

Rat l-atti tal-kawza, kompriz ir-rapport tal-Perit Tekniku.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu d-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport.

Ikkunsidrat;

Illi l-espert tekniku qasam tant in kwistjoni f’ zewg porzzjonijiet u cioe’ wahda ta’ 6677 metri kwadri li hija kulurita bl-isfar fil-pjanta annessa mar-rapport u ohra bil-blue ta’ 4451 metri kwadri li tigi assenjata lill-konvenuti;

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u

1. Tordna d-divizjoni tal-ghalqa f’ Hal-Qormi kontrada tal-Handaq ta’ kejl ta’ cirka 11033 metri kwadri u mal-kuntratt ta’ kejl ta’ 6677 metri kwadri lill-atturi u dik kulutirta bil-blue fl-istess pjanta ta’ 4451 metri kwadri lill-konvenuti.

2. Tinnomina lin-Nutar Dottor Robert Muscat biex jippubblika l-att opportun u lill-Avukat Dottor Joseph Bonnici bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-kontumaci fuq l-att.

3. Tordna li l-kuntratt isir fil-15 ta’ Marzu, 2003 f’ nofsinhar fl-edifficju tal-Qorti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------